MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
EDWINA GRIMA**

Seduta tas-17 ta' Marzu, 2009

Numru. 124/2009

**Il-Pulizija
(Spettur Frank Anthony Tabone)**

**vs
Elizabeth Ann Grech bint Nicholas u Josephine nee' Farrugia,
imwielda fis-16 ta' Marzu, 1982 u residenti 11,
Triq id-Duluri, Mqabba, Malta, detentrici
tal-karta tal-identita' numru 213382(M)**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza kontra 'l hawn fuq imsemmija Elizabeth Ann Grech li giet akkuzata talli nhar il-21 ta' Frar, 2009, ghal habta ta' 01:00hrs fi Triq Dicembru Tlettax, Nadur, Ghawdex waqt il-karnival spontanju:

1) B’gesti, jew le, jew b’xi mezz iehor vizibbli, kasbret pubblikament ir-Religjon Kattolika Apostolika Rumana, illi hija r-religjon ta’ Malta, inkella offendiet ir-Religjon Kattolika Apostolika Rumana billi kasbret lil dawk li huma ta’ din ir-religjon jew lill-ministri taghha, jew kull haga li tkun oggett ta’ devozzjoni tar-religjon Kattolika Rumana jew li tkun ikkonsograta jew iddestinata biss ghad-devozzjoni ta’ din ir-religjon;
2) Ukoll talli minghajr permess jew kontra l-projbizzjoni ta’ l-awtorita’ kompetenti, libset abiti sagri (soru);

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet;

Rat id-dokumenti;

Semghet il-provi;

Ikkunsidrat;

Illi mill-provi prodotti rrizulta illi l-imputata kienet liebsa libsa sewda b’maktur iswed u abjad u kellha salib fuq sidirha. Illi dana t-tip ta’ hwejjeg certament ma jammontax ghal xi abiti sagri u kwindi t-tieni (2) akkuza ma tistax tirrizulta. Illi ghar-rigward tal-ewwel (1) akkuza ma jirrizultax illi l-imputata kellha xi ntenzjoni li toffendi r-Religjon Kattolika ghaliex kienet liebsa salib fuq sidirha u ghalhekk ma jirrizultax illi hija kienet qed tkasbar r-Religjon jew xi Ministri taghha kif tipprovdi l-ligi fl-artikolu 163 tal-Kodici Kriminali

Kwindi l-akkuzi ma jirrizultawx ppruvati u l-Qorti qed tillibera lill-imputata minn dawn l-akkuzi.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------